MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 1196/2000/1

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Valletta Freight Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Lulju, 2004 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Settembru, 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas s-somma ta' disa' mija u disghin lira Maltin u sittin centezmi (Lm990.60) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' moblie

telephone u “airtime” ghall-istess uzu, moghti lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu mis-17 ta’ Dicembru 1998 sal-10 ta’ Mejju, 2000.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet illi:

1. In linea preliminari, n-nullita’ tal-avviz stante li dan ma giex mimli sew u ma jaghmilx sens billi ma gewx mimlija il-vojt li jithalla fil-formola.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont mitlub mhux dovut, billi is-socjeta’ attrici rrifjutat li taghti informazzjoni lis-socjeta’ konvenuta tal-incoming calls li gew ricevuti fuq il-mobile phones tas-socjeta’ konvenuta meta dawn ikunu barra minn Malta u li ghalihom qed jintalab il-hlas. F’kull kaz is-socjeta’ konvenuta gja hallset Lm1050.70c u tikkontendi li ghandha tiehu flus lura ghax hallset ammont eccessiv.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

B’referenza ghall-eccezzjoni preliminari, l-Qorti rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Jannar, 2002, fejn awtorizzat iz-zidiet necessarji biex tissana l-avviz u ghalhekk ma kemmx konsiderazzjonijiet xi jsiru dwar din l-eccezzjoni.

Illi f’din il-kawza, is-socjeta’ attrici qeghda titlob il-hlas ta’ Lm990.60 mighand is-socjeta’ konvenuta ghas-servizz ta’ telefonati maghmula fuq telephone cellulari meta r-ricevitur kien qieghed fl-esteru. Hemm kont dettaljat a fol 28 tal-process. Minn naha taghhom is-socjeta’ konvenuta

qeghda tghid illi ma gietx moghtija *"itemised bill"* ta' min kien qed jaghmel dawn it-telefonati u ghalhekk irrifjutat illi thallas.

Ikkusidrat:

Ir-rapport kuntrattwali bejn il-partijiet hu naxxenti minn ftehim maghmul fil-11 ta' Dicembru, 1998 esebit a fol 27, fejn is-socjeta' konvenuta intrabbtet li tircievi s-servizz ta' telephones cellulari kif provdut mis-socjeta' attrici. F'dan il-ftehim hemm espressament it-talba ghall-uzu tat-telephone cellulari fl-esteru. Dan is-servizz gie pprovdut, fuq dan ma hemmx dubbju. Pero', is-socjeta' konvenuta qeghda tikkontendi illi ma kinitx f'pozizzjoni li tikkontrolla l-kontijiet u ghalhekk irrifjutat li thallas sa kemm ma jkollhiex sodisfazzjon ta' dan.

Is-socjeta' attrici mill-ewwel informatha li ghal dak li jirrigwarda ir-*roaming calls* ma kinitx f'pozizzjoni illi tipprovdi sodisfazzjon, dana ghamlitu permess ta' ittra tat-30 ta' Marzu, 1998. Jidher li bejn il-partijiet diga kien hemm xi relazzjoni kuntrattwali ghall-uzu ta' dawn ic-cellulari peress illi l-ittra saret qabel il-firmar tal-kuntratt fuq imsemmi. Ghalhekk minkejja illi s-socjeta' konvenuta kienet taf b'dawn id-diffikultajiet, xorta fil-kuntratt tal-11 ta' Dicembru, 1998 insistit illi jkollha s-servizz ta' l-esteru. Imkien ma hemm fil-kuntratt illi s-socjeta' attrici hija obbligata li tipprovdi *'itemised bill'* lill-klijenti taghha.

Ma dan kollu, kull fejn hu possibbli, jekk issir talba ghal daqshekk, dan is-servizz jigi pprovdut kif fil-fatt ghamlet is-socjeta' attrici. Irrizulta wkoll illi parti mill-ammont mitlub cioe' Lm671.74 huwa ghal telefonati lokali. Izda s-socjeta' konvenuta wkoll ma hallsitx dan l-ammont (ara ittra a fol 30). Dana juri nuqqas ta' *buona fede* da parti tas-socjeta' konvenuta fejn ma kinitx disposta li thallas lanqas l-ammont li ma kienx kontestat.

Apparti dan, il-Qorti tinnota illi l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta mhijiex tant illi t-telefonati ma sarux, izda minn min. Il-Qorti hija sodisfatta illi t-telefonati saru fuq cellulari illi kienu proprjeta' tas-socjeta' konvenuta waqt illi kienu

qeghdin fl-esteru, f'liema kaz allura l-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici lahqet dik il-grad ta' prova ghas-success tal-istanza taghha.

Jekk is-socjeta' konvenuta jidhrilha li kien hemm min abbuza mit-telefonati cellulari, allura dina hija xa haga ta' dixxipplina nterna li ma ghandhiex taffettwa d-drittijiet ta' haddiehor.  F'dan il-kaz is-socjeta' attrici li timerita konferma ghat-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' disa' mija u disghin lira Maltin u sittin centezmi (Lm990.60), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilha mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mis-17 ta' Dicembru 1998 sal-10 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta."

Is-socjeta` konvenuta, li appellat minn din is-sentenza, tikkritikaha f' diversi aspetti taghha.  *Inter alia*, illi kuntrarjament ghal dak ritenut mill-ewwel Qorti il-kuntratt jipprovdi ghall-*itemised billing* li kellu jinghata mis-socjeta` attrici appellata.  Hi tikkontendi wkoll illi fl-atti kien hemm ittri ohra, apparti dawk riferiti mill-Qorti, li jiddimostraw illi s-socjeta` appellata ma kienetx qed tghid li m' hijiex f' posizzjoni li tipprovdi l-informazzjoni rikjesta.  Ghalhekk l-argoment ta' l-ewwel Qorti bazat fuq l-ittra tat-30 ta' Marzu 1998 ma jistax iregi.  Tissottometti wkoll illi mhuwiex versomili li s-socjeta` appellata ma kellhiex l-informazzjoni mitluba minnha;

Bhala punt ta' principju procedurali jibda biex jigi registrat illi, linearjament mal-massima legali "*incumbit probatio qui allegat*", meta si tratta minn talba ta' hlas ta' servizz li wiehed jippretendi li hu dovut lilu, bhal ma proprju l-kaz in

ezami, il-prova kemm ta' l-ammont kif ukoll tal-frekwenza ta' l-uzu ta' dak is-servizz tiggrava fuq min jipprovdi dak is-servizz u jippretendi l-hlas. Dan logikament ifisser illi prova bhal din kellha taghmilha s-socjeta` attrici. Prova din li kellha tkun wahda attendibbli u preciza. Dan s' intendi sa fejn kien ragonevolment possibbli;

Indubitament, huwa prezunt illi meta l-utent u min jipprovdi s-servizz jiftehmu, kif hekk inhu l-kaz hawnhekk mid-dokument a fol. 27, il-kalkolu ta' l-uzu tas-servizz kellu jkun relatat mal-frekwenza ta' dak l-uzu u n-numru ta' sejhiet. Jista' pero` jaghti l-kaz illi ma jkunx jezisti l-mezz ta' kif in-numru ta' sejhiet jigi kontrollat. Anke hawn pero` jispetta wkoll b' oneru fuq min jipprovdi s-servizz li jaghti prova konvincenti l-ghala certi sejhiet ma jistghux jigu kontrollati. Ir-raguni ghal dan hi ovvja. L-utent ma ghandux dik il-facilita` materjali u teknika biex jipproduci hu tali prova;

Dan premess, il-fatti ewlenin f' din il-kawza, kif anke esposti fl-ewwel sentenza, ma jidhrux li huma kontroversi. Jidher car illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti twieldet mill-fatt tal-ftehim esebit a fol. 27. Dan il-ftehim kien jahseb ghall-uzu tas-servizz cellulari anke fl-esteru kif ukoll ghall-provvizjoni da parte tas-socjeta` attrici ta' *intemised billing*;

Huwa accettat mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta appellanti, kif konstatat ukoll mid-dokumentazzjoni esebita, illi hi giet provvduta b' *intemised billings*. Il-vera kontestazzjoni taghha tikkonsisti fil-fatt illi ma gietx provvduta b' informazzjoni minn fejn originaw certi *calls*. Ara xhieda ta' Mario Tellus ghan-nom tas-socjeta` konvenuta (fol. 67);

Mill-atti jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet altru milli sodisfatta illi riferibilment ghal "*roaming calls*" is-socjeta` attrici ma kienetx in grad li tipprovdi nformazzjoni dwar l-origini taghhom. Jidher li fir-rigward dik il-Qorti strahet kemm fuq

il-portata ta' l-ittra tat-30 ta' Marzu 1998 (fol. 29) kif ukoll fuq id-deposizzjoni tax-xhud Sharon Calleja ghas-socjeta` attrici appellata (fol. 23). Din ta' l-ahhar spjegat illi hafna mis-sejhiet saru barra minn Malta meta xi hadd mis-socjeta` konvenuta jkun imsiefer. Huwa accettat li fil-perijodu ghal liema jirreferu l-kontijiet kien hemm diretturi kif ukoll impjegati, kompriz l-*accountant*, tas-socjeta` konvenuta li kienu msiefra fuq attivita` tal-kumpanija u dawn kien ikollhom disponibbli l-*mobile* ghall-uzu taghhom. Ara xhieda ta' David Jones, direttur tas-socjeta` konvenuta (fol. 79). Kif irrepetiet ghal aktar minn darba fil-kors tax-xhieda taghha l-imsemmija Sharon Calleja spjegat illi l-impossibilita` li huma jakkwistaw l-informazzjoni mitluba mis-socjeta` appellanti kienet dovuta ghal fatt illi "r-*roaming partners* taghna fl-esteru ma jaghtuniex din it-tip ta' nformazzjoni" (fol. 24);

F' sitwazzjoni bhal din ma kienx eskluz li l-ewwel Qorti tuza certa diskrezzjoni fl-ezercizzju tal-gudizzju taghha biex tiddetermina l-veracita` tad-dikjarazzjoni appena riportata, u kif mistqarra mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici. Dan setghet taghmlu ghaliex kienu jirrizultawlha elementi ta' provi bastanti biex id-diskrezzjoni ezercitata minnha tkun sew mizurata. Jekk din id-deduzzjoni hijiex fondata jew le jiddependi mill-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-fatti;

Mir-ri-ezami bir-reqqa li ghamlet din il-Qorti ma jidhrilhiex li c-cirkostanzi sottomessi kienu tali li jgeghluha tiddisturba l-uzu tad-diskrezzjoni u ta' l-apprezzament tal-fatti li l-ewwel Qorti mxiet fuqhom. Pjuttost tara li s-socjeta` appellanti tittanta ssib certi ftietaq probatorji fi sforz biex twaqqa' s-sentenza appellata meta fir-realta` tar-rizultanzi istruttorji l-konkluzjoni ma setghetx tkun hlief dik raggunta mill-ewwel Qorti. Jigi ribadit illi lill-Qorti ma jirrizultalhiex illi l-ezercizzju tad-diskrezzjoni ma kienx wiehed sew u regolari jew li ma kienx wiehed ragonevolment korrett jew li kien vizzjat minn attitudni errata jew argomentazzjoni difettuza.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tas-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------